14 ta' Frar, 1955

Imħallfin :

Is-S.T.O. Sir L. A. Camilleri, Kt., LL.D., *President;*
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., LL.D.;
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Lorenza Buttigieg et. *versus* Gio. Batta Caruana

## Preskrizzjoni — Rinunzja — Prova — Art. 2261 (f) u 2248 tal-Kodiċi Ċivili

*Il-preskrizzjoni ta' ħames snin kontemplata fl-art. 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor (barra dawk ġa fl-istess artikolu preveduti) li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn kwejjeġ oħra, tirriferixxi għall-ħlas ta' "kreditu", u mhix applikabili f'każ fejn tintalab il-konsenja*

*ta' oġġett mobili, bħal ma hu karrettun (kif kien fil-każ preżenti); fejn hija applikabili l-preskrizzjoni ġenerali ta' tletin sena.*

*Meta d-debitur ma jinnegax in sustanza l-obligazzjoni, imma biss jiddiskuti l-modalitajiet tagħha, jiġi li jirrinunzja taċitament għall-preskrizzjoni.*

*Jekk imbagħad id-debitur jallega li kien hemm ftehim ġdid li jimmodifika l-obligazzjoni oriġinarja, fuqu jaqa' l-piż tal-prova ta' dak il-ftehim ġdid; u jekk huwa ma jirnexxilux jagħmel din il-prova, huwa tenut jeżegwixxi l-obligazzjoni kif oriġinarjament assunta.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-atturi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti neċessarji, billi Spiro Buttigieg kien ta lill-konvenut karrettun tal-molol, u l-konvenut kellu in kontrakkambju jagħtih karrettun taċ-ċinga burdnar; u billi Spiro Buttigieg il-lum mejjet, u minfloku daħlu l-atturi, ċjoè l-attriċi Lorenza Buttigieg bħala kompartеċipi fil-komunjoni ta' l-akkwisti u l-atturi l-oħra bħala eredi leġittimi ta' missierhom; u billi l-konvenut, għalkemm għaddа żmien ħafna mill-ftehim, għadu ma kkonsenjax l-imsemmi karrettun, għalkemm interpellat anki uffiċjalment; talbu li l-konvenut jiġi kundannat jikkonsenja lill-atturi, fi żmien qasir u perentorju prefiġġendo, karrettun taċ-ċinga burdnar skond il-ftehim fuq imsemmi u għar-raġunijiet fuq esposti; bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Awissu, 1952, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tat-28 ta' Ġunju, 1954, li biha ċaħdet l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni opposta mill-konvenut u pprefiġġiet lill-konvenut xahrejn żmien biex jikkonsenja lill-atturi l-karrettun mitlub fiċ-ċitazzjoni skond il-ftehim oriġinali; bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi, skond ix-xhieda tal-konvenut, fl-14 ta' Ġunju, 1936, sar akkordju bejnu u Spiridione Buttigieg, il-lum mejjet, fis-sens li dan Buttigieg jagħti lill-konvenut karrettun tal-molol b'żieda ta' £6, u l-konvenut jaħdimlu karrettun taċ-ċinga burdnar fi żmien tliet snin. Laħqet il-gwerra, u l-konvenut ma

sabx il-materjal li kellu bżonn biex ikompli l-karrettun, u dak li mexxielu jsib kien bi prezzijiet wisq għola. Allura l-konvenut qal b'dan lil Buttigieg, u dan irrispondieh "Mexxi, imbagħad nirranġaw". Sadattant il-konvenut, bil-permess ta' Buttigieg, biegħ il-karettun tal-mollol u daħħal tiegħu £14.10.0. Hu kompla x-xogħol, u meta Spiridione Buttigieg miet, il-konvenut informa lill-martu bid-diskors li kien sar ma' żewġha, hija bdiet tgħajjat u ma riedetx taf, billi ppretendiet li x-xogħol kellu jsir skond il-ftehim originali, u minn hawn ġiet il-kawża odjerna;

Illi l-konvenut, fin-nota tiegħu fol. 13 eċċepixxa l-preskrizzjoni ta' ħames snin skond l-art. 2261 (f) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla "l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor (barra dawk ġa fl-istess artikolu provvduti) li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra". Minn dina l-lokuzzjoni jidher li dan l-artikolu mhux applikabili għall-azzjoni esperita mill-atturi, li għandha bħala oġġett, mhux ħlas ta' kreditu, imma l-konsenja ta' karrettun li l-konvenut kien obbliga ruħu li jagħmel. Għalhekk issir applikabili l-preskrizzjoni ġenerali ta' tletin sena kontemplata fl-art. 2248 (Kod. ċit.). F'dana s-sens hija l-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XXXIII-I-397);

Illi, fil-meritu, il-konvenut jippretendi li l-akkordju originali ġie rexiss, u sar ftehim ieħor fis-sens li s-supplement ikun mhux ta' £6, imma skond il-prezzijiet fiż-żmien tal-konsenja tal-karrettun in kwistjoni. F'dan ir-rigward, il-prova tinkombi lill-konvenut. Issa, mix-xhieda tiegħu stess jirriżulta li ftehim ġdid u vinkolanti ma kienx hemm; biss Spiridione Buttigieg kien ħajru biex ikompli, imbagħad jirranġaw. Minn hawn jidher li Buttigieg ma kellux, almenu f'dan iż-żmien, l-intenzjoni li jintrabat ġuridikament; u għalhekk minn dawk il-kliem ma titwieledx l-obligazzjoni ġuridika, u wisq anqas jitħassar l-akkordju ġa perfezzjonat;

Fil-kunċett ruman, li fuqu tinsab modellata l-leġislazzjoni odjerna f'dina l-materja, "obligatio est juris vinculum quo necessitate adstringimur alicuius rei solvendae secundum jura nostrae civitatis" (Inst. de oblig. 3, 14). Dana l-kunċett

jidher riprodott fl-art. 1001 (Kod. Civ.), fejn il-kuntratt ġie definit dak il-ftehim li bih tiġi magħmula ("created"), regolata jew maħlula, "*obligazzjoni*". Jgħid maġistralment Laurent: "L'obbligazione è un vincolo ...... un legame; quegli che è legato non può *sfuggire* al potere di colui che lo tiene nei legami. Colui a favor del quale essa si è impegnata a fare o a dare può *condurla* innanzi ai tribunali e farla condannare a prestare ciò cui essa è tenuta" (Diritto Civile XV, para. 424). Din hija obligazzjoni "perfetta". Jista' imbagħad, ikun hemm dak li d-dottrina ssejjaħ obligazzjoni "imperfetta", jiġifieri "quelle *promesse* che si fanno di buona fede e coll'attuale volontà di adempirle senza intenzione però di dare a quello cui si fanno il diritto di esigerne l'adempimento ...... esse non formano obbligazione civile, nè in conseguenza contratto" (Pothier, Trattato delle Obbligazioni, para. 3). Ta' l-istess fehma huwa anki Laurent (op. cit., para. 430); u l-gurisprudenza tagħna adottat ukoll din id-distinzjoni (Kollez. VI, paġ. 332);

Iċ-ċirkustanzi fuq rilevati juru li Spiridione *Buttigieg*, bil-kliem "mbagħad nirranġaw", ma kellux l-intenzjoni li jobbliga ruħu, u wisq anqas li jagħti lill-konvenut id-*dritt li*, jekk jonqos, jikkostringieh ikompli l-oblign tiegħu bil-mezzi legali. Evidentement huwa ried jiddilazzjona l-pretiż ftehim, li *però*, minħabba l-mewt tiegħu, ma sarx. Għalhekk il-Qorti ma tistax taċċetta l-pretensjoni tal-konvenut, li konsegwentement baqa' marbut mill-ftehim oriġinali;

Illi ladarba ftehim ġdid ma sarx, lanqas hija ammissibili n-novazzjoni eċċepita mill-konvenut fid-dibattitu orali (art. 1222 (a) Kod. Civ.);

Rat fil-fol. 30 il-petizzjoni li *biha* l-konvenut appella mid-deċiżjoni fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li tiġi miċħuda t-talba attriċi; bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ *jirriżultaw* mill-parti konsiderativa tas-sentenza appellata, superjorment miġjuba;

Kwantu għall-eċċepita preskrizzjoni kwinkwennali in bażi għall-inċiż (f) ta' l-art. 2261. Kap.23 Ediz. Riv., (qabel art. 1920 Ord. VII ta' l-1868), ikkunsidrat;

Din il-preskrizzjoni mhijiex ammissibili. Infatti:—

1. Il-ġurisprudenza hi fis-sens li dan l-artikolu għandu jiġi nterpretat, kwantu għall-inċiż in kwistjoni, bħala li jirriferixxi għall-"ħlas ta' kreditu", mentri hawn qegħedha tintalab konsenja ta' karrettun. Dak l-inċiż għandu jirċievi interpretazzjoni in bażi għar-regola ta' l-"ejusdem generis", in korrelazzjoni max-xorta ta' krediti msemmijin fl-inċiżi preċedenti ta' l-istess artikolu (App. "Saliba vs. Grech", 7 ta' Frar, 1949, Vol. XXXIII-I-397). Mhix aċċettabili interpretazzjoni estensiva ta' l-inċiż fuq imsemmi b'mod li l-kliem "ħlas ta' kull kreditu ieħor" ("payment of any other debt") jiġu jfissru "solutio obligationis" in genere. Kif ġie ritenut fis-sentenza Kummerċ, "Sceri vs. Petrocochino", 9 ta' Jannar 1919, Vol. XXIV-III 733, il-preskrizzjoni kontemplata fl-inċiż sotto eżami tapplika għall-każ ta' "soddisfazione di un credito"; u anki jekk l-azzjoni tkun "effett" ta' obligazzjoni, "non è da confondere col credito medesimo, e le disposizioni relative alla prescrizione, attesa la loro natura eccezionale, non vanno estese oltre i casi in esse espressi";

2. Kieku stess, "ex hypothesi", din il-preskrizzjoni kienet applikabili għall-każ, hemm ir-rinunzja għaliha. Infatti, il-konvenut, interpellat għall-istess konsenja li qegħdha tintalab il-lum b'l-ittra uffiċjali li kopja tagħha tinsab fol. 22,ma ċaħadx l-obligu tiegħu li jikkonsenja l-karrettun (oġġett tal-preskrizzjoni issa minnu eċċepita), iżda biss qal (ara risposta tiegħu bl-ittra uffiċjali eżibita in kopja fol. 23) li hu pront jikkonsenjah, iżda fi żmien xieraq u bil-prezzijiet korrenti. Vwoldieri, il-konvenut ma kkontestax l-obligu (li issa jippretendi preskritt), imma ammettieh, biss b'modalitajiet oħra. Issa, hu "jus receptum" li hemm rinunzja taċita għall-preskrizzjoni meta d-debitur ma jinnegax is-sustanza ta' obligazzjoni, iżda biss jiddiskuti l-modalitajiet tagħha (ara App. Inf. "Camilleri vs. Mangion", 1 ta' Ottubru 1927,

Vol. XXVI, Parte I, Sezione III, pag. 441), kif appunta ġara f'dan il-każ;

Għalhekk il-preġudizzjali tal-preskrizzjoni mhijiex sostnuta;

Fil-meritu;

Il-konvenut jammetti, fix-xhieda tiegħu fol. 16 u 16 tergo, illi fil-14 ta' Ġunju, 1936, sar ftehim bejnu u bejn Spiridione Buttigieg, awtur ta' l-atturi, li in forza tiegħu dan taħ karettun tal-mollol u l-konvenut kellu jagħmillu u jikkonsenjalu, in kontrakkambju, fi żmien tliet snin, karettun taċ-ċinga burdnar, bl-obligu ta' Butigieg li jħallas ekwiparazzjoni ta' £6;

Issa, dan hu l-ftehim li in bażi tiegħu qegħdha ssir l-azzjoni odjerna;

Il-konvenut, però, jippretendi li in segwitu sar ftehim ġdid u li, skond dan, hu kellu jkompli jagħmel il-karrettun, iżda mbagħad il-prezz tiegħu jiġi kalkulat, meta jkun lest, skond il-prezzijiet korrenti;

Hu ċar li l-oneri tal-prova ta' dan il-ftehim jinkombi lill-konvenut; fin-nuqqas ta' prova soddisfaċenti jibqa' a bażi ta' l-azzjoni l-ftehim kif pretiż mill-atturi u kif ammess mill-konvenut;

Wara li eżaminat il-provi, din il-Qorti hi ta' fehma li l-konvenut ma wasalx biex jagħti prova konvinċenti ta' dan il-ftehim ġdid minnu allegat. Il-provi minnu mressqa f'din it-tieni istanza jistgħu talvolta juru li, ġeneralment, f'każ ta' karettunj simili, l-ewwel jitlesta x-xogħol, u mbagħad jiġi stabbilit il-prezz; iżda fix-xhieda tiegħu l-istess konvenut ma jeskludix li jista' anki jsir ftehim minn qabel dwar il-prezz; u hekk sar, "ex admissis", f'dan il-każ;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata; bl-ispejjeż kontra l-konvenut appellant. It-terminu ta' xahrejn jibda jgħaddi mil-lum.